MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 232/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Borg**
**u**
**Bradley-Reno Sapiano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – (A) kontra Kenneth Borg wahdu talli:

(1) Nhar-it 8 ta’ Mejju 2007 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu, gewwa Triq Birbal, Hal-Balzan, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa residenza bin-numru 159 ghad-dannu ta’ Bernardette Cassar, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-mezz u bil-lok;

(2) Bejn April u Lulju 2006, minn gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta; laptop tal-amrka HP minn gewwa vettura, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux l-elf lira Maltin(Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

(B) U kontra Bradley-Reno Sapiano wahdu talli:

(3) Fit-22 ta’ Mejju 2007 u fil-granet u gimghat ta’ qabel xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(4) Fit-22 ta’ Mejju 2007 u fix-xhur ta’ qabel, gewwa r-Rabat Malta, zamm fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew inkella uza arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma tan-nar u cioe` pistola minghajr isem u numru tas-serje 040322 flimkien ma’ munizzjon ghall-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuna li giet fil-pussess ta’ arma tan-nar u munizzjoni, naqas li minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

(6) B’hekk jitqies recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, stante l-ammissjoni volontarja ta’ l-imsemmijin Kenneth Borg u Bradley-Reno Sapiano, iddikjarathom hatja ta’ l-akkuzi dedoti kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 261, 267, 278, 279, 17 u 31 u fil-konfront ta’ Bradley-Reno Sapiano l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, applikat kontra taghhom (*sic!*) l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perijodu ta’ tliet snin taht il-kundizzjonijiet specifikati fil-verbal u fl-ordni relattiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tpoggi lill-appellati fil-pozizzjoni li kienu qabel ma nghatat is-sentenza appellata u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti sabiex dan il-kaz jerga’ jinstema’ mill-gdid u jkun deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti qatt ma setghet fis-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2007 awtomatikament tikkonverti ruhha f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali minn Qorti Istruttorja; (2) Dwar l-appellat Sapiano, l-ewwel Qorti naqset milli ssemmi l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom sabitu hati fir-rigward tar-raba’ u l-hames imputazzjonijiet. Inoltre in vista tas-sejbien ta’ htija dwar dawn l-imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-Att dwar il-*Probation* fil-konfront ta’ l-imsemmi Sapiano in vista ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 61 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) L-appellati ma jimmeritawx l-applikazzjoni ta’ l-Att dwar il-*Probation* meta jigu ezaminati l-fedini penali taghhom.

Dwar l-ewwel aggravju, huwa evidenti illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati fl-assjem taghhom jizbqu l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 370(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Barra minn hekk, u kif tajjeb josserva l-Avukat Generali, hemm tliet metodi li permezz taghhom Qorti Istruttorja tista’ tikkonverti ruhha f’wahda ta’ Gudikatura Kriminali:

(1) Ai termini ta’ l-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta l-akkuzat jistqarr li hu hati waqt l-ezami – Dan l-artikolu mhuwiex applikabbli fil-kaz odjern peress illi l-ezami sar fl-24 ta’ Mejju 2007 meta l-appellati ddikjaraw li

mhumiex hatja. Il-kaz gie mbaghad appuntat ghall-1 ta' Gunju 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta meta giet registrata ammissjoni. Pero` l-istadju ta' l-ezami kien ghadda u ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza a bazi ta' dak li jiddisponi l-imsemmi artikolu 392A.

(2) Ai termini ta' l-artikolu 370(3)(a)(b)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Dan huwa l-istadju tar-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li tkun saret il-kumpilazzjoni tal-provi. F'dan il-kaz l-anqas ma huwa applikabbli l-imsemmi artikolu peress illi l-anqas biss kienu nbdew jinstemghu provi.

(3) Ai termini ta' l-artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – L-anqas dan l-artikolu ma huwa applikabbli peress illi l-Avukat Generali ma kienx ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza izda kellha tghaddi ghall-gbir tal-provi. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh u m'hemmx lok li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra minnu mqajma.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tpoggi lill-appellati fil-pozizzjoni li kienu qabel ma nghatat s-sentenza appellata u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti (bhala Qorti Istruttorja) sabiex dan il-kaz jerga' jinstema' mill-gdid u jkun deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------